# LIL NINU CREMONA
# ŻAGĦŻUGĦ TA' 85

*TA' ĠUŻE' CARDONA*

Ħabib,
Għalkemm ħamsa w tmenin
F'dal-jum għalaqt
U xagħrek bjad u l-mixja tqalet . . .
Ħabib, jien xwejjaħ ma ngħidlikx!
(Jixjieħ min għex għalxejn.)
Int, bħall-inbid,
La darba tajjeb,
Kull sena ġġedded u bennietu żżidlu.
Int, ħajtek kollha,
bil-ħeġġa ta' żagħżugħ qattajt
W għaddejt sal-lum
U dejjem tgħaddi trid
Fil-ħidma, fit-tfittix, fix-xogħ'l tar-reqqa
Tħabrek u tiġri,
Tikteb u ssewwi,
Tgħallem b'kitbietek
Lil min dejjem qiesek
Ewlieni fost is-sies ta' Lsien Pajjiżna.

Inti bħall-baħar,
Li żagħżugħ ta' dejjem,
Sejjaħ Dun Karm, u bħalu wkoll ħaf tagħdab
Għax-xwieni żgħar li jmissu ġieħ Ilsienna,
U jħallu tranja li malajr tintefa;
Jew ġwejjed toħla
Tisma' bħal mewġiet meqjusa
Il-versi ħlokhom ta' poeti żgħażagħ
Jew xogħlijiet ta' prożaturi ġodda,
Li fuq mixjitek,
Il-pass meddew
Fit-toroq sbieħ li ftaħtu b'riżq ilsienna
Inti w ta' qalbek, ta' warajk u sħabek.

Inti qadim bħall-Malti,
'Ma bħalu wkoll żagħżugħ,
W ixxettel u ma mietx

U s'issa qatt ma nfena
U saħħtu ma naqsitx
Mill-ħqir, miċ-ċaħda, miż-żebliħ barrani!

Għelma ta' Ġensna, Int,
Għax għalkemm Malti sħiħ bl-egħruq u x-xniexel
Qatt ma stmerrejt 'ma rdajt
Kulturi għonja
Li sebbħu Lsienna wisq w għanewh bil-bosta.

Qawwi bħal blata,
L-irwiefen,
Li qamu darb' għalik w għal Lsien Pajjiżna,
Iqumu aktarx mill-ġdid,
Kif qamu darba,
Sakemm jinfnew bil-karba
T'għajjura u tellifin,
W Int tibqa' tgħanni bil-ħidmiet kotrana
Ir-rebħa li ma tmutx,
Li biha l-Malti stagħna.